TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 35/15/F

**Christopher Casaletto**
**vs**
**Kenneth Hardware Stores**

Illum 14 ta' Lulju, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 ta' Frar, 2015 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' ħamsin ewro (€50), rappreżentanti prezz ta' *geyser* illi kellu l-ħsara u għalhekk ried wieħed ġdid.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *geyser* mingħand l-intimat u kellu garanzija ta' sentejn mid-data tax-xiri. Wara ftit xhur dan il-*geyser* kellu l-ħsara u għalhekk bidlu ma' wieħed ġdid. Ir-rikorrenti aċċetta illi jieħu *geyser* ta' inqas potenza pero' l-intimat ried li jaqsmu d-differenza.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smigħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

Kif ukoll it-Tribunal, jinnota li sal-ħin tas-seduta l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

Għaldaqstant, it-Tribunal jinnota illi l-proposta mhix aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas il-prezz ta' *geyser* ġdid, pero' jekk ir-rikorrenti jagħżel dak ta' ħamsin litru, ma jafx l-ebda rifużjoni, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888